DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 48/2010

tat-30 ta' April 2010

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat mill-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/2010 tad-29 ta' Jannar 2010 ([1]).

(2) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/129/KE tad-9 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, li tikkonċerna l-prodotti kożmetiċi, għall-iskop li tadatta l-Anness III magħha minħabba progress tekniku ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/130/KE tat-12 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, rigward prodotti kosmetiċi, għall-iskop li tadatta l-Anness III tagħha mal-progress tekniku ([3]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

(4) Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/134/KE tat-28 ta' Ottubru 2009 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, li tikkonċerna l-prodotti kosmetiċi, għall-iskop li tadatta l-Anness III tagħha mal-progress tekniku ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiżi li ġejjin għandhom jiżdiedu fil-punt 1 (id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE) tal-Kapitolu XVI tal-Anness II tal-Ftehim:

"— **32009 L 0129**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/129/KE tad-9 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 267, 10.10.2009, p. 18),

— **32009 L 0130**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/130/KE tat-12 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 268, 13.10.2009, p. 5),

— **32009 L 0134**: Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2009/134/KE tat-28 ta' Ottubru 2009 (ĠU L 282, 29.10.2009, p. 15)."

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2009/129/KE, 2009/130/KE u 2009/134/KE li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' Mejju 2010, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' April 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

([1]) ĠU L 101, 22.4.2010, p. 18.
([2]) ĠU L 267, 10.10.2009, p. 18.
([3]) ĠU L 268, 13.10.2009, p. 5.
([4]) ĠU L 282, 29.10.2009, p. 15.

(*) M'huma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.